C/2023/412

23.11.2023

P9_TA(2023)0061

Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Nicolaus Fest

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2023 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Nicolaus Fest (2022/2056(IMM))

(C/2023/412)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Nicolaus Fest imressqa fil-31 ta' Marzu 2022 mill-Prosekutur Ġenerali ta' Berlin, mibgħuta permezz ta' ittra bid-data tas-16 ta' Mejju 2022 mill-Ministeru Federali tal-Ġustizzja Ġermaniż u mħabbra fis-seduta plenarja fit-8 ta' Ġunju 2022,

— wara li sema' lil Nicolaus Fest, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011, fis-17 ta' Jannar 2013 u fid-19 ta' Diċembru 2019 [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 46(2), (3) u (4) tal-Liġi Fundamentali għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-linji gwida Nru 192 b ta' *Richtlinien für das Strafverfahren und das Bußgeldverfahren* (il-linji gwida dwar il-proċedimenti kriminali u proċedimenti biex tiġi imposta multa regolatorja),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), 6(1) u 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0055/2023),

A. billi l-Prosekutur Ġenerali ta' Berlin talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Nicolaus Fest, Membru tal-Parlament Ewropew, bil-ħsieb li tinfetaħ investigazzjoni dwar allegat reat ta' inġurja skont it-tifsira tal-Artikolu 185 tal-Kodiċi Kriminali Ġermaniż;

B. billi, permezz ta' ittra tat-2 ta' Diċembru 2021, l-ilmentatur ressaq ilment kontra Nicolaus Fest skont l-Artikolu 194 tal-Kodiċi Kriminali Ġermaniż;

C. billi l-ilment jikkonċerna dikjarazzjonijiet magħmula u ppubblikati minn Nicolaus Fest fuq il-pjattaforma Twitter;

D. billi fl-10 ta' Settembru 2021, Nicolaus Fest ippubblika messaġġ fuq il-kont tiegħu ta' Twitter li kien essenzjalment jgħid hekk: *"Għażiż Sur Beck, għaliex qed tgħajjarni kodard? Madankollu, huwa b'mod pubbliku għall-aħħar li ngħid li inti giddieb u pedofilu magħruf sew li tuża l-pożizzjoni tiegħek favur il-Lhud biss bħala tarka. Shalom!";*

E. billi l-allegazzjonijiet kontra Nicolaus Fest, u t-talba sussegwenti għat-tneħħija tal-immunità tiegħu, mhumiex relatati ma' opinjoni espressa jew vot mogħti minnu fil-qadi ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, iżda mal-fatt li, b'risposta għal tweet, huwa ppostja tweet li tippreżenta allegazzjonijiet li l-persuna fil-mira tqis bħala insult;

F. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom;

G. billi l-Artikolu 46(2), (3) u (4) tal-Liġi Fundamentali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jipprevedi li:

"(2) Membru ma jistax jinżamm responsabbli jew inkella arrestat għal reat kastigabbli mingħajr il-permess tal-Bundestag, sakemm ma jinqabadx fil-fatt iwettaq ir-reat jew inkella l-għada.

[1] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra* v *De Gregorio and Clemente*, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, Gollnisch vs il-Parlament, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello, C-163/10, ECLI: EU:C:2011:543; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2019, Junqueras Vies, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115.

(3) Il-permess tal-Bundestag għandu jkun meħtieġ ukoll għal kwalunkwe restrizzjoni oħra tal-libertà tal-persuna tal-Membru jew biex jinbdew proċedimenti kontra membru skont l-Artikolu 18.

(4) Kwalunkwe proċediment kriminali jew proċediment taħt l-Artikolu 18 kontra Membru u kwalunkwe detenzjoni jew restrizzjoni oħra tal-libertà tal-persuna tiegħu għandha tiġi sospiża fuq it-talba tal-Bundestag.";

H. billi l-linji gwida Nru. 192 b ta' *Richtlinien für das Strafverfahren und das Bußgeldverfahren* (il-linji gwida dwar il-pieni kriminali u amministrattivi) jirregola t-tneħħija tal-immunità ta' Membru tal-Parlament Ewropew u, b'mod partikolari, il-paragrafu 1 tiegħu jipprevedi li:

"(1) Membru tal-Parlament Ewropew mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandu jibbenefika mill-istess immunità mogħtija lil Membru tal-Bundestag Ġermaniż. (…)";

I. billi skont l-Artikolu 9(8) tar-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali "fl-ebda ċirkustanza m'għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membru, u lanqas m'għandu jippronunzja ruħu dwar jekk l-opinjonijiet u l-atti attribwiti lill-Membru jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jeżamina t-talba, il-kumitat jikseb tagħrif dettaljat tal-fatti tal-każ";

J. billi l-għan tal-immunità parlamentari huwa li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċedimenti ġudizzjarji relatati ma' attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li huma inseparabbli minn dawn l-attivitajiet;

K. billi skont l-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, l-immunità parlamentari mhijiex privileġġ personali ta' Membru imma garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu;

L. billi, f'dan il-każ, il-Parlament ma sab l-ebda evidenza ta' *fumus persecutionis*, jiġifieri elementi fattwali li jindikaw li l-intenzjoni wara l-proċediment legali potenzjali tista' tkun li ssir ħsara lill-attività politika ta' Membru u, b'hekk, lill-Parlament Ewropew;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Nicolaus Fest;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u lil Nicolaus Fest.